MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2010

Numru. 287/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**Vs**

**Joanne Ellul Sullivan ta' 27 sena, iben Andrew u Carmen nee` Psaila, imwielda nhar il-20 ta' Dicembru, 1982 Pieta, u toqghod 66, 'Porcellina', Triq il-Bies, San Gwann, detentrici tal-karta tal-identita` 115883M**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputata Joanne Ellul Sullivan li giet akkuzata talli f'dawn il-Gzejjer, nhar it-23 ta' Settembru 2009, gewwa X Treme, li jinsab fi Triq Fleur-Lys, Birkirkara:

1) B'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq

iehor jew ingann, jew billi uriet haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlet qligh ta' aktar minn €232.94 izda inqas minn €2329.37 u dan ghad-dannu ta' Steve Pavia u persuni ohra, u dan bi ksur ta' artikoli 308, 309 ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2) U aktar Saret recidiva, ai Termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, billi kienet giet misjuba hatja b'sentenzi tal-Qorti tal-Maagistrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ghaldaqstant ma' jistghux jigu mibdula.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputata liema imputazzjoni giet rijaffermata wara li l-imputata inghatat zmien xieraq sabiex tirrikonsidra l-istess;

Rat il-kunsens tal-Avukat Genrali;

Semghet trattazzjoni dwar il-piena;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl ta' l-ammissjoni mghamulha mill-imputata l-Qorti ma tistax hlief issibha hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfornt taghha.

Illi meta tigi biex tikkonsidra l-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmulha mill-imputata u fuq kollox il-fatt illi l-imputata hallset lill-parte leza l-ammont kollu mehud indebitament kif jirrizulta mid-dokumenti esebiti mis-Surgent 1122. Illi huwa minnu li l-imputata hija recidiva u illi l-fedina penali ma hijiex xi wahda felici, izda fic-cirkostanzi peress illi l-imputata ammettiet l-akkuzi u hallset l-ammont dovut l-Qorti tqis illi hija ghandha tinghata opportunita ohra.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 308, 309, 310, 49 u 50, tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputata hatja ta' l-akkuzi migjuba fil-konfront taghha izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tillibera lill-imputata bil-kondizzjoni ma ma tghamilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin mil-lum

Il-Qorti qed twissi lill-imputat bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa tikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' liberta taht kondizzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------